**QORTI TAL-MAGISTRATI (GĦAWDEX)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kawza numru 330/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Paolo Mercieca**

**Illum, is-17 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza miġjuba kontra **Paolo Mercieca** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 41732G:

"talli fil-05 ta' Lulju 2020, fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa Xewkija, Għawdex u/jew fil-gzira ta' Għawdex;

1. Naqas milli jhares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D) b'digrieti ta' nhar il-5 ta' Novembru 2019 u ta' nhar 16 ta' Gunju 2020 u dan bi ksur ta' 579(1) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Paolo Mercieca, u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern

ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess.

Rat illi il-Prosekuzzjoni għamlet talba fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 2020 illi fl-att tal-akkuza issir korrezzjoni fis-sens illi fejn hemm indikat id-data 04 ta' Lulju 2020 tigi ssostwita bid-data 05 ta' Lulju 2020.

Rat illi l-Qorti laqghet it-talba u ordnat illi tali korrezzjoni tigi riflessa fl-att tal-akkuza.

Semghet il-provi;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat bil-ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digrieti tal-05 ta' Novembru 2019 u tas-16 ta' Gunju 2020.

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputat ġie f'kuntatt ma' Giuseppe Mercieca u Therese Mercieca, t-tnejn xhieda

tal-Prosekuzzjoni fil-kawza li tat lok għal dawn il-proċeduri u ċioe Pulizija vs Paolo Mercieca fejn l-imputat huwa akkuzat b'attentat ta' qtil tal-parte ċivile f'din il-kawza Stephen Cauchi.

Illi rrizulta wkoll illi l-kuntatt li sar ma Giuseppe Cauchi ma kienx kuntatt ta' ftit hin jew ftit kliem izda kien kuntatt li ġara aktar minn darba u f'okkazzjoni minnhom fejn saħansitra l-imputat riekeb il-karozza ta' Giuseppe Mercieca u marru x'imkien flimkien u damu tul ta' hin ma rritornaw.

Illi pero rrizulta wkoll illi l-istess xhud Giuseppe Mercieca ġia xehed fil-proċeduri kontra l-imputat.

Ma rrizultax jekk ix-xhud Therese Mercieca ġia xehdet jew le fl-imsemmija proceduri.

Illi għalhekk fuq il-ksur tal-kundizzjoni numru erbgħa (4) fl-imsemmija digrieti ta' ħelsien mill-arrest u ċioe li l-imputat ma jitkellimx max-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti ssib li din ġiet pruvata, pero in vista tal-fatt illi Giuseppe Mercieca ġia xehed fl-imsemmija proceduri, l-Qorti tqis li dan il-ksur ma hux ta' konsegwenza serja.

Illi fir-rigward tat-tieni kundizzjoni li allegatament ġiet miksura mill-imputat u ċioe dik li kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar, kundizzjoni numru sebgħa (7) fl-imsemmija digrieti, u dan meta baqa' barra d-dar tiegħu wara l-ħin ta' l-għaxra ta' fl-għaxija (10.00pm), il-Qorti tqis li din ukoll ġiet pruvata għalkemm dan il-ksur seħħ (a) meta l-imputat baqa' barra fuq il-bank li jinsab ħdejn id-dar tiegħu u (b) meta kien skorra l-hin tal-għaxra ta' fil-għaxija (10.00pm) bi ftit minuti u ċioe bi kwazi tmien minuti. Izda dan xorta waħda jibqa' ksur ta' tali kundizzjoni, apparti li jagħti x'jifhem li l-imputat ma hux jieħu bis-serjeta l-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti.

Il-Qorti pero in vista tal-viċinanza ta' l-imsemmi bank għar-residenza ta' l-imputat u in vista tal-fatt li l-hin tar-rinkazar kien skorra bi ftit minuti biss u seħħ ħdejn ir-residenza ta' l-imputat, il-Qorti tqis ukoll illi tali ksur ma hux ta' konsegwenza serja.

Illi pero huwa ċar minn tali ċirkostanzi li l-imputat jidhirlu illi huwa jista' ma jagħtix kaz tal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn tali digrieti għaliex altrimenti huwa ma kienx ipoġġi f'riskju l-opportunita li tagħtu l-Qorti meta kkonċedietlu l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet kif elenkati fl-imsemmija digrieti.

**Decide:**

Il-Qorti, ghal dawn ir-raġunijiet, wara li kkunsidrat il-fedina penali ta' l-imputat, l-eta tiegħu u n-natura u l-gravita tal-akkuza miġjuba kontrih, qegħda ssib lill-imputat ħati ta' l-akkuza miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikli 579 (1) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qeghda: (1) Tikkundanna lill-imputat għall-multa ta' elf Ewro (€1,000) u (2) Tordna l-konfiska tad-depozitu ta' tmint elef Ewro (€8,000) favur il-Gvern izda mhux il-konfiska tal-garanzija personali u (3) Ma tordnax l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat u dan bil-kundizzjoni illi jmur jirrisjedi fl-indirizz li kien jirrisjedi fih qabel seħħew dawn il-fatti u ċioe fil-fond "Trieste Flats", Flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, u (4) Mill-bqija zzomm ferm id-digrieti tal-Benefiċċju tal-Ħelsien mill-Arrest u l-Ordni ta' Protezzjoni maħruga mill-Qorti fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Qorti qegħda twissi lill-imputat illi huwa għandu joqgħod għall-kundizzjonijiet impost mill-Qorti fl-imsemmija Digrieti u fl-imsemmija Ordni ta' Protezzjoni.

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat l-obbligi tiegħu taħt din is-sentenza u x'jigri f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tiegħu skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi relattivi.

**(ft.) Dr. Monica Vella**
**Magistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**